**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Rikors Numru 128/2021SG**

**Theuma David (KI 0674061M)**

**vs**

**Whittkopf Sina Doris (KI 0052135A)**

**Illum, 30 ta' Lulju, 2021**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' David Theuma pprezentat fis-26 ta' Mejju 2021, fejn dan il-Bord intalab:

*Ghaldaqstant l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensata mis-smiegh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mil-ligi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimata sabiex tidher quddiem il-Brod fil-gurnata u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f' kaz li l-intimata tkun kontumaci f' dik is-seduta jew inkella jekk hija tonqos milli turi f' dik is-seduta li jkollha difiza li tiswa u li jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghandu:*

I. *Jiddikjara u jiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond ossia Mariners Court Flat 18, Triq it-Tartarun, Qawra, mikri mir-rikorrenti lill-intimata Sina Doris Whittkopf (KI 0052135A) ghandha tigi terminata ai termini tal-artikolu 1570 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema zgumbrament ghandu jsir fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dan il-Bord u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord jidhrulu xieraq u opportun.*

II. *Jordna l-izgumbrament tal-intimata Sina Doris Whittkopf (KI 0052135A) mill-fond Mariners Court Flat 18, Triq it-Tartarun, Qawra fi zmien qasir u perentorju.*

III. *Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' EUR 4,036.82c rapprezentanti kera arretrata ossia d-differenza bejn EUR 825.00c fiz-xahar u EUR 750.00c pagati ghall-perijodu bejn l-1 ta' Settermbu 2019 sal-31 ta' Marzu 2021, oltre l-pagament ta' EUR 825.00c bhala kera ghall-perijodu ta' l-1 ta' April 2021 sat-30 ta' April 2021 u EUR 825.00c bhala kera ghall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2021 sal-31 ta' mejju 2021 u EUR 886.82c f' arretrati fil-hlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kif jirrizulta minn Dokument E.*

IV. *Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimata hija responsabbli wkoll ghal kull kumpens jew kunsiderazzjoni ohra dovuta jew danni ghal kwalunkwe kumpens dovut wara dik id-data sal-effettiv zgumbrament u jillikwida l-istess ammonti.*

V. *Jikkundanna lill-intimata sabiex thallas dawn l-ammonti fuq indikati jew kwalsiasi ammont iehor verjuri kif wkoll kumpens jew kunsiderazzjoni ohra dovuta jew danni ghal kwalunkwe kumpens dovut wara dik id-data sal-effettiv zgumbrament, inkluz kwalsiasi kontijiet tad-dawl u ilma jew kontijiet ohra sal-effettiv zgumbrament.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-intimata ghas-subizzjoni.*

Ra li l-intimata giet notifikata skont il-ligi permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tal-istess rikorrenti;

Sema' lir-rikorrenti;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum, inkluz li r-rikorrenti qed jirtira r-raba' talba, kif ukoll dik il-parti tal-hames talba relatata mar-raba' talba, u dana minghajr l-ebda pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet tieghu u azzjoni ulterjuri li jista' jiehu;

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

**Ikkunsidra:**

Illi f'din il-kawża, ir-rikorrenti talab illi l-Bord jgħaddi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh taht l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimata kienet debitament notifikatha b'dawn il-proceduri.

Illi fis-seduta tal-lum, il-Bord iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m'ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh skont l-Artikolu 16A tal-Kap 69.

Illi wara li ezamina r-rikors guramentat tar-rikorrenti u d-dikjarazzjoni guramentata, il-Bord huwa tal-fehma illi r-rekwiziti procedurali li titlob il-ligi taht l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69, gew sodisfatti.

Ghaldaqstant, il-Bord huwa tal-fehma illi fic-cirkostanzi, it-talba kif dedotta fir-rikors, hija gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi (i) jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti; (ii) jilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti b'dana li l-istess intimata ghandha tizgombra mill-fond, Mariners Court, Flat 18, Triq it-Tartarun, Qawra, sat-30 ta' Awwissu 2021; (iii) jilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti; (iv) jilqa' l-hames talba tar-rikorrenti limitatament, fis-sens li qed jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €4,036.82c rapprezentanti kera arretrata ossia d-differenza bejn €825.00c fix-xahar u €750.00c pagati ghall-perijodu bejn l-1 ta' Settembu 2019 sal-31 ta' Marzu 2021, oltre l-pagament ta' €825.00c bhala kera ghall-perijodu tal-1 ta' April 2021 sat-30 ta' April 2021, u €825.00c bhala kera ghall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2021 sal-31 ta' Mejju 2021, u €886.82c f'arretrati fil-hlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma; u (v) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba u tal-parti tal-hames talba tar-rikorrenti, li tirrigwarda r-raba' talba, stante li dawn gew irtirati mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

Dr. Simone Grech

Magistrat

Janet Calleja

Deputat Registratur